**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum 12 ta' Dicembru 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**
**vs**
**Ismael Habesh**

## Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ismael Habesh detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 15771A.

Akkuzat talli fil-Belt Valletta nhar l-Erbgha 09 ta' Jannar, 2008 ghal habta tas-02:30pm attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija liema persuni huma nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jaggixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ngurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' PC 301 Warren Vella u PC 525 Charlton Falzon liema persuni huma nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet leggittimi tal-imsemmija ufficjali pubblici waqt li kienu qed jghamlu jew minhabba li

kienu ghamlu d-dmirijiet taghhom u izjed ma halliehomx jew b'mod iehor fixkel lill-Pulizija milli jghamlu d-dmirijiet taghhom.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontajament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' ingravata li tghamel parti mill-uniformi ghad-detriment tal-Korp tal-Pulizija.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat, hsejjes jew b'mod iehor.

Barra minn dan akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba biex tapplika l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' PC 301 Warren Vella u PC 525 Charlton Falzon.

Rat id-degriet ta'l-Unur Tieghu il-Prim Imhallef Dr Silvio Camilleri Camilleri tas-26 ta' Ottubru, 2017 permezz ta' liema l-proceduri gew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat li l-ufficjal prosekutur iddikjara li huwa kellu l-kunsens bil-miktub ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja[1].

Rat li l-imutat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet i-provi u t-tratazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

---

[1] Illi huwa sufficjenti li l-ufficjal prosekutur jiddikjara li huwa ghandu il-kunsens bil-miktub, u mhux mehtieg ad vaildatem li tali kunsens jigi prezentat in atti. Ref Il-Pulizija vs Victor Buttigieg (Appell Kriminali deciz 19.05.2005) fejn intqal li: *minn imkien ma jidher mehtieg taht xi piena ta' nullita' li l-kunsens bil-miktub tal-Avukat Generali fuq imsemmi ghandu jigi esebit, hu bizzejjed ghall-ligi li l-ufficjal prosekutur, meta hekk mistoqsi mill-Qorti, jwiegeb li hu ghandu tali kunsens. Ghalhekk il-fatt li l-kunsens ma giex esebit, wahdu zgur li ma jostax biex il-kawza titmexxa bil-procedura sommarja, s'intendi, dejjem jekk l-akkuzi ghar-rigward tal-piena ma jkunux individwalment jeccedu l-piena massima ta' erba snin prigunerija*.

Illi dan huwa kax li jirrigwarda incident li sehh fid-9 ta' Jannar 2008 ghall-habta tas-2.30pm.

Illi dak in-nhar PC281 Pierre Micallef[2] kien xoghol ma'l-ambaxxata Amerikana il-Furjana meta gie avvicinat minn persuna (li baqghat qatt ma giet identifikata). Din il-persuna qaltlu li f'l-MCC carpark kien hemm grupp ta' zaghzagh qed iduru mal-karozzi u x'aktarx qed jisirqu minnhom; PC281 ghalhekk mar biex jaghmel il-verifiki. Meta wasal hdejn l-carpark innota grupp ta' zaghzagh, jghid li kienu erbgha jew hamsa, li pero malli rawh telqu jigru. Ix-xhud jghid li l-imputat, li kien hemm ukoll, kien ser jaqbad jigri pero ghamilha ta bir-ruhu li kien qieghed miexi normali u ghalhekk x-xhud kollegi mill-ghassa tal-Belt. Waslu il-kollegi mill-ghassa tal-Belt u gew ukoll pulizija tal-mobile. Ix-xhud ikompli jispjega li huwa qal lil tal-mobile biex imorru jiccekkaw il-carpark sabiex jivverifikaw kienx hemm xi vetturi sgassati u sakemm sar hekk il-pulizija l-ohra hadu lill-imputat f'l-ghassa tal-Belt.

Illi l-pulizija tal-mobile involuti f'dan il-kaz kienu PC301 Warren Vella u PC525 Charlton Falzon.

Illi PC301 Warren Vella[3] jghid li huma gew dispatched mill-control room u meta daru l-post sabu lill-pulizija tad-distrett diga fuq il-post u skortawhom l-ghassa "*biex johduh hemmhekk*" u PC525 ghamel search fuq l-imputat. Sablu bocca tal-hgieg, saqsieh ghalfejn kienet ghandu u l-imputat ma ridx jirrispondi. PC301 ikompli jispjega li l-attitudni ta'l-imputat kienet ftit aggressiva tant li lil PC525 qallu "*gharaftek .. int dak il-pulizija tal-Mosta... ngharfek... insibek*". Ma' dan id-diskors l-imputat beda jidghi u jobzqilhom, fil-fatt laqat lil PC525. Bdew jghidulu biex jikkalma u x-xhud tah warning biex igib ruhu sew pero l-imputat prova jahtfu minn ghonqu imma irrnexxielu biss jahtaflu l-ingravata. Ix-xhud ikompli jirrakkonta li l-imputat beda jsabbat mal-bieb u jghid li m'ghamel xejn; qala bicca injama li kien hemm mal-bieb u beda jxejjirha fid-direzzjoni ta' PC525. Minn hemm irnexxielhom jikkontrollawh u zammewh hu u PC525. Ix-xhud kompla jispjega li l-ingravata kellha tinbidel u eventwalment qal

[2] Id-depozizzjoni tieghu qeghda a fol 37 et seq.
[3] Depozizzjoni a fol 39.

ukoll li kienu hu u PC525 skortaw lill-imputat l-ghassa tal-Belt u l-incidenti li semma sehhew f'l-ghassa.

Illi PC525 Charlton Falzon[4] jikkonferma li meta l-kollega tieghu waslu l-carpark kien hemm il-kollegi taghhom tad-distrett u skortahom sa'l-ghassa. Hemm, ikompli ix-xhud, saret search fuq il-persuna ta'l-imputat u fil-but sablu bocca tal-hgieg; saqsih ghalfejn kien qed igorrha fuqu u x'kien l-uzu taghha u l-imputat qallu li ma kienx affari tieghu u biex ma jindahalx. Meta nfurmah li tad-distrett kienu ser izommuh ghal aktar investigazzjonijiet l-imputat sar agressiv, beda jheddidhom, bezaq lejh u fil-fatt laqtu. PC 301 resaq biex izomm lill-imputat pero dan hatfu mill-ingravata u qaccathielu. L-imuptat imbaghad mar mal-bieb, qala bicca injama, u beda jxejjirha fid-direzzjoni tax-xhud. Mbaghad irnexxielhom izommuh u poggewh goc-cella fejn ghamel hin jheddiedhom u li ser isisbhom meta ma jkunux liebsin l-uniformi ghax jaf fejn joqghodu; l-imputat beda jidghi u jsabbat ukoll.

Illi xehed ukoll l-Ispetttur Alfred Mallia[5] li inizjalment kien l-ufficjal prosekutur f'dan il-kaz. Dan ix-xhud ta' rendikont ta' dak li kien gara u spjega li (ghalkemm ma kienx involut sa kemm l-imputat twaqqaf hdejn il-carpark u gie skortat l-ghassa) huwa kien diehel l-ghassa u ra u sema' "*dan kollu*" minghajr ma jispjega x'kien li fil-fatt ra u sema personalment mir-rendikont tieghu ta' dak li rrapportawlu s-subalterni tieghu. Ix-xhud kompla jghid li huwa ha l-istqarrija ta'l-imputat li allega li hu agixxa b'dak il-mod peress li PC525 kien kellmu hazin u trattah b'mod inuman; ix-xhud zied ukoll li hu ikkonfronta lil PC525 b'din l-allegazzjoni imma hu cahad.

Illi l-tlett pulizija li kienu involuti fit-twaqqif u l-arrest ta'l-imputat xehedu ukoll in kontro-ezami; dan pero sar f'l-udjenza mizmuma fit-12 ta' Novembru 2018 u ghalhekk tmien snin wara l-akkadut, u mhux kollha ftakkru wisq dettalji.

Illi PC525[6] jikkonferma li meta hu u l-kollega tieghu PC301 waslu l-carpark l-imputat kien diga mizmum mill-pulizija l-ohra. Zied li ghalkemm

[4] Depozizzjoni a fol 41.
[5] Depozizzjoni a fol 29 et seq.
[6] Kontro-ezami a fol 119 et seq.

hu (cioe PC525) ma kienx jaf x'jismu l-imputat wiccu ma kienx gdid ghalih ghax kien jiffirma f'l-ghassa tal-Mosta. PC 525 ikkonferma ukoll li hu u l-kollega tieghu hadu lill-imputat l-ghassa u infurmawh li kien qieghed taht arrest ghax kien hemm xi suspett li setghu kienu qed jimissu xi karozzi f'l-istess carpark. PC525 pero zied diversi affarijiet ohra; qal li PC281 waqqaf lill-imputat minhabba id-deskrizzjoni li kienu tawh in-nies. Zied ukoll li meta saret it-tfixxija fuq l-imputat u sabu l-bocca tal-hgieg u infurmawh li ser jinzamm arrestat l-imputat qallhom li hu ried jitlaq ghax ma kienu sabu xejn. Ghal dan id-diskors PC525 informa lill-imputat li huwa kien ser jinzamm l-ghassa sa kemm il-kollegi jiccekkjaw jekk kienx hemm karozzi mkissrin jew b'xi affarijiet misruqin. Meta sema hekk l-imputat irritalja u beda jinsisti li ma ridx jibqa hemm u li qed izommuh ta' xejn. PC525 cahad li huwa qal kliem dispreggjattiv fil-konfront tal-imputat.

Illi PC301 ma tantx zied dettalji meta kien qed jixhed in kontroezami[7] pero zied li fil-waqt li inizjalment l-imputat kien "*naqra zghira aggressiv*" u "*l-izjed li qisu gie naqra aggressiv*" meta qalulu li ha jkollhom izommuh arrestat. PC301 ukoll cahad li ntuza kliem dispreggjattiv fil-konfront ta'l-imputat.

Illi PC 281 tressaq ukoll biex jixhed in kontro-ezami[8]. Huwa pero ma ftakar kwazi xejn ghalkemm biddel il-verzjoni tieghu fis-sens li issa qal li l-persuna li marret fuqu biex tghidlu b'dak li ra fil-carpark semmielu ragel u tah deskrizzjoni tieghu u li fil-fatt il-persuna "suspettuza" gie deskritt bhala ragel barrani.

Illi l-imputat xehed ukoll[9]. Huwa jispjega li fil-gurnata in ezami huwa kien sejjer mill-Belt ghal tal-linja fil-minibus pubbliku liema minibus kienet twaqqaf hdejn ir-roundabout. Malli niezel minn fuq il-minibus u beda sejjer ghajjatlu pulizija biex jieqaf u saqsih fejn kienu shabu li kien isfel maghhom. L-imputat jghid li l-ewwel pulizija kienu tnejn mill-ghassa tal-Belt, mbaghad gew tal-mobile u li wiehed minn tal-mobile kien jafu. Dan il-pulizija li kienu jaf kien ser jimmannetjah pero pulizija iehor waqqfu u

[7] A fol 125 et seq.
[8] A fol 129 et seq.
[9] Depozizzjoni a fol 136 et seq.

qallu li huma kienu waqqfuh u huma kienu ser jihduh l-ghassa. Dahhluh fil-vettura u haduh l-ghassa u hemm kien hemm pulizija ohra. L-imputat beda jichad li huwa kellu xi involviment pero l-pulizija bdew jghajjruh minhabba n-nazzjonalita tieghu, haduh f'kamra (mhux il-lock up) u stednuh ghall-glied, wiehed minnhom anke nehha l-ingravata. L-imputat beda jissara mal-bieb biex johrog mill-kamra u inqalghet bicca injama. Il-pulizija hadielhu minn idejh u qallu "*b'din ha ttini*", u qabdu jimbuttawh u dahhluh goc-cella. Minn hemm l-imputat beda jghajjat u jghid li hu ma kien ghamel xejn u l-pulizija qallu li mhux ser iressquh fuq serq jekk jqghod kwiet jitlaq, pero hu baqa jinsisit li ma kien ghamel xejn u kellhom ihalluh jitlaq. Mbaghad gie l-ispettur, qallu li ser izommu hemm u l-ghada jitilqu. L-imputat jghid li matul il-lejl dahlu tlieta fic-cella u bdew jaghtuh u hu beda jghajjat u jibki l-lejl kollu jistaqsi ghall-ispettur. L-ispettur fil-fatt mar fil-ghodu u qallu li kien ser iressqu mhux minhabba is-serq imma minhabba li tawwal ilsienu maghhom. In kontro-ezami l-imputat qal li huwa kien ghamel ilment dwar il-mod kif gie trattat u kien baghat ghalih il-Kummissarju; jghid ukoll li huwa soffra griehi pero ma jiftakarx jekk kienx ghamel certifikat. In kontro-ezami biddel ukoll il-verzjoni fis-sens li qal li kien il-pulizija tal-ambaxxata li waqqfu u wara gew mill-ghassa.

Illi ghandu jinghad li l-imputat kien irilaxxja stqarrija[10]; din kienet giet rilaxxjata minghajr ma l-imputat kien inghata d-dritt li jikkonsulta qabel, u wisq anqas waqt ir-rilaxx taghha.[11] L-imputat pero ma talabx l-isfliz taghha jew li tigi skartata bhala prova, anzi gie sottomess li din l-istqarrija hija konferma tal-verzjoni ta'l-imputat. F'l-istqarrija l-imputat fil-fatt jghid bejn wiehed u iehor l-istess affarijiet li qal fid-depozizzjoni tieghu imma b' ferm anqas dettalji.

Ikkunsidrat

Illi minn dan ir-riassunt tal-provi jidher car li hemm mhux biss kunflitt bejn il-verzjoni tax-xhieda tal-prosekuzzjoni u l-verzjoni mghotija mill-imputat imma hemm anke diskrepanzi u inkonsistenzi f'dak li jghidu x-xhieda tal-prosekuzzjoni.

---

[10] Din hija esebieta a fol 7 u kopja ohra a fol 31.

[11] Dan ghaliex fis-sena 2008 dan id-dritt ma kienx ghadu dahal in vigore.

Illi l-aktar diskrepanza importanti f’dan il-kaz tirreferi ghal x’gie irrapportat lil PC 281 meta huwa kien ghadu hdejn l-ambaxxata. Huwa jghid li giet persuna fuqu li infurmata li kien hemm grupp zaghzagh fil-carpark u li x’aktarx kienu qed jisirqu minnhom. Fir-rendikont tieghu ta’ dak li gara f’dan il-kaz l-ispettur Mallia qal li r-rapport li sar lil PC281 kien dwar persuna maskili; jghid ukoll li fil-fatt PC281 gharaf lill-imputat mid-deskrizzjoni li kienet taghtu dik il-persuna, meta fil-fatt PC 281 ma nghata l-ebda deskrizzjoni. Anke PC525 jghid li l-kollega tieghu (PC281) waqqaf lill-imputat minhabba d-deskrizzjoni li tawh in-nies li PC281 ma qalx hekk. Ghal kull buon fini l-Qorti hija tal-fehma li f’dan ir-rigward ghandha taghmel referenza ghal dak li qal PC281 in kontro-ezami. In kontro-ezami PC 281 gie mistoqsi diversi affarijiet pero ma ftakar kwazi xejn dwar dak mistoqsi lilu; huwa pero asserixxa li l-persuna li marret tirrapputalu fuq dak li kienet rat fil-car park irreferiet ghal persuna barranija u li taghtu deskrizzjoni taghha. Dan jikkontrasta hafna ma’ dak li qal fid-depozizzjoni tieghu meta l-fatti ma kienux ilhom wisq li sehhew u ghalhekk prezumibillment kienu aktar friski f’mohhu. Ghandu jigi rilevat li f’l-ewwel depozizzjoni tieghu PC281 deherlu li kellu jispjega li meta huwa resaq lejn il-carpark ra’ grupp ta’ zaghzagh li telaqu jigru malli rawh u li hdejhom kien hemm l-imputat. Aktar minn hekk dak li laqtu f’l-imputat ma kienux il-fattizzi tieghu jew in-nazzjonalita tieghu imma li kien qisu ser jitlaq jigri maz-zaghzagh imma waqaf; kien dan li attiralu l-attenzjoni ghalih. Din ir-referenza ghal grupp ta’ zaghazagh u x’attira l-attenzjoni ta’ P281 ghall-imputat fil-fehma tal-Qorti ssahhah it-tezi li PC281 kien korrett meta kien qed jaghti l-ewwel verzjoni tieghu u cioe li r-rapport fil-fatt kien dwar grupp ta’ zaghzagh u mhux dwar persuna ta’ nazzjonalita barrannija.

Illi naturalment mbaghad hemm il-verzjoni ta’l-imputat li jichad li huwa kien fil-carpark imma kien ghadu kif wasal hdejn il-carpark meta twaqqaf mill-pulizija. Hemm ukoll ic-cahda ta’l-imputat li huwa prova jagredixxi lil PC525 u PC301 u l-verzjoni tieghu li l-imsemmija pulizija kienu dispreggjattivi fil-konfront tieghu, li agixxew b’mod illegali fil-konfront tieghu. u li fil-fatt kienu huma li aggredew lilu.

Illi huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu necessarjament iwassal ghal liberatorja purche il-Qorti tkun konvinta li tista taghti kredibilita lil xi verzjoni jew ohra. Fil-kaz in ezami

l-fatti relevanti ghall-imputazzjonijiet sehhew primarjament f'l-ghassa tal-Belt; PC 281 ma kienx prezenti f'dan l-istadju u l-unika xhieda li ghandha fir-rigward hija dik ta' PC525 u PC 301 min-naha u dik ta' l-imputat min-naha l-ohra. Fil-waqt li l-Qorti setghet tasal biex tistabilixxi kif sehhew l-evvenimenti f'l-ewwwl stadju ta'l-incident hdejn il-carpark, pero l-Qorti ghandha dak il-lurking doubt dwar kif realment sehhew il-fatti f'l-ghassa. F'dawn ic-cirkostanzi zgur li ma jistax jinghad li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat gew pruvati 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha.

**DR.DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**